**30 ta' Ġunju, 1995**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent Degaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Joseph Galea (App.2/95)

**Kontenut ta' Rikors ta' Appell**

*Stante li l-Kodiċi Kriminali ma fih ebda disposizzjonijiet ta' natura ġenerali li jirregolaw ċerti eċċezzjonijiet bħalma hemm fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, l-eċċezzjoni tan-nullita` tar-rikors ta' appell tista' tiġi ssollevata mill-partijiet f'kull stadju tal-proċeduri.*

*Ir*-raison d'etre *ta' l-artikolu 419(1) huwa s-simplifikazzjoni u l-*

*kjarezza, il-leġislatur ried li r-rikors ta' appell għandu jkun redatt b'tali mod li mill-ewwel ipoġġi kemm lill-Qorti kif ukoll lill-intimat fil-posizzjoni li jkunu jafu eżatt x'inhuma l-fatti kollha essenzjali, minn x'hiex qed jilmenta l-appellant u x'inhu jitlob. Il-vot tal-liġi ma jkunx sodisfatt jekk dawn ikunu sparpaljati 'l hawn u 'l hinn b'mod li wieħed irid joqgħod jistad għalihom biex forsi jindividwahom.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Esekuttiva kontra Joseph Galea talli f'dawn il-Gżejjer, matul ix-xahar ta' April, 1994 naqas li jagħti lil martu Carmen Galea s-somma ta' Lm34 fil-ġimgħa, in kwantu għal Lm26 għaliha u Lm8 għal bintha minorenni Annette, skond sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-16 ta' Ġunju, 1993 u għalhekk kiser l-artikolu 338(z) tal-Kodiċi Kriminali u ċjoe` meta hekk ordnat minn xi Qorti naqas li jagħti lil martu dik is-somma ffissata minn dik il-Qorti bħala manteniment għaliha u għal bintha minorenni fi żmien ħmistax-il jum skond l-ordni li kellu biex iħallas is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-15 ta' Diċembru, 1994 li biha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Joseph Galea ħati skond l-imputazzjoni kif dedotta kontra tiegħu u kkundannatu għal ammenda ta' għoxrin lira (Lm20);

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Joseph Galea, minnu ppreżentat fis-27 ta' Diċembru, 1994 li bih huwa talab hekk:

""Illi għaldaqstant l-appellant qed jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell sabiex **<u>tiddikjara nulla</u>** s-sentenza ta' l-ewwel Qorti billi din kisret dritt basiku ta' l-akkużat li jitħalla jġib il-provi

tiegħu u jkun assistit minn avukat ta' fiduċja kif fuq imfisser, kif ukoll li s-sentenza tal-15 ta' Diċembru, 1994 **hija inġusta mil-lat tal-kundanna** billi evidentement it-tlett akkużi fil-kawżi numri sbatax, tmintax u dsatax kellhom jiġu meqjusa bħala akkuża waħda fis-sens ta' kontravvenzjoni kontinwa u mhux kull akkuża tressqet f'kawża separata u għalhekk anke f'dan is-sens l-istess sentenza indikata **għandha tiġi mibdula** apparti u mingħajr preġudizzju **għat-talba tat-tħsir** tas-sentenza fuq bażi ta' nullita` " (enfasi ta' din il-Qorti);

Rat l-atti kollha tal-kawża nkluż il-verbali rreġistrati fl-udjenza tad-19 ta' Mejju, 1995; ikkunsidrat:

Dan huwa digriet dwar il-kwistjonijiet kollha ssollevati mill-partijiet fl-udjenza imsemmija. Fl-imsemmija udjenza, wara li xehdet bil-ġurament Carmen Galea u l-prosekuzzjoni ddikjarat li m'għandhiex aktar provi, ġie rreġistrat is-segwenti verbal mid-difiża:

"Dr. E. Bezzina għall-appellant jitlob lil din il-Qorti illi stante li l-appellant talab b'mod speċifiku quddiem il-Qorti tal-Maġistrati li huwa kellu l-konsulent ta' fiduċja tiegħu li pero` kien impenjat quddiem Qorti Superjuri u stante li l-appellant enfasizza li ried ikun assistit, nonostante dan, il-Qorti Inferjuri ddikjarat li kienet semgħet il-provi kollha minkejja l-fatt li l-appellant iddikjara li hu ried li jkollu lill-avukat tiegħu";

Dan il-verbal hu nieqes għal kollox mit-talba, antiċipata bil-kliem "jitlob lil din il-Qorti illi", pero` li effettivament qatt ma saret. Din il-Qorti anke ħadet l-isbriga li tisma' r-reġistrazzjoni tat-*tape* in kwistjoni u dak riportat hawn fuq hu eżatt dak li ntqal mill-abbli

difensur ta' l-appellant. Pero` mis-sottomissjonijiet magħmula mill-imsemmi difensur qabel ma rreġistra dan il-verbal, kemm din il-Qorti kif ukoll il-prosekuzzjoni fehmu li l-appellant kien qed jitlob li jixhed f'din l-istanza għalkemm ma xehedx quddiem l-ewwel Qorti. Infatti, l-prosekuzzjoni "opponiet" a bażi ta' l-artikolu 424 tal-Kodiċi Kriminali, opposizzjoni li ma kinitx tagħmel sens li kieku wieħed ma kienx qed jifhem li kienet qed issir talba għas-smigħ ta' xhud jew xhieda ġodda;

Pero` l-prosekuzzjoni ma waqfitx hawn; immedjatament wara din l-opposizzjoni, l-Avukat tar-Repubblika, Dr. Anna Mallia, eċċepiet in-nullita` tar-rikors (ta' appell) stante li ma jinkludix talba għat-taħsir jew tibdil tas-sentenza appellata skond l-artikolu 419(1)(c) tal-Kap. 9. Għal din l-eċċezzjoni l-appellant, permezz tad-difensur tiegħu, issottometta li din l-eċċezzjoni ma setgħetx tingħata f'dana l-istadju, ċjoe` wara li l-prosekuzzjoni kienet ressqet il-provi tagħha u ddikjarat li m'għandhiex aktar provi, peress li din l-eċċezzjoni, skond l-appellant, hija waħda preliminari. Fit-tieni lok l-appellant issottometta li l-appell sar "skond il-proċedura u li m'hemm xejn fih li huwa kontra jew li ma jkoprix dak li jitlob il-Kodiċi Kriminali f'dan ir-rigward";

Għalhekk, loġikament, il-punti li għandhom jiġu kkunsidrati u l-ordni li fihom għandhom jiġu kkunsidrati, huma s-segwenti:

Jekk il-prosekuzzjoni setgħetx tqajjem l-eċċezzjoni fl-istadju li qajmitha;

Jekk l-eċċezzjoni setgħet titqajjem f'dak l-istadju, jekk din l-eċċezzjoni għandhiex tintlaqa' jew le;

U, f'każ li l-eċċezzjoni tiġi respinta, tiġi kkunsidrata t-talba ta' l-appellant biex huwa jixhed minkejja li ma xehedx quddiem l-ewwel Qorti;

Ikkunsidrat ulterjorment:

Dwar l-ewwel punt u ċjoe` jekk l-eċċezzjoni tan-nullita` tar-rikors ta' appell setgħetx tiġi ssollevata fl-istadju li fiha ġiet issollevata, din il-Qorti tosserva li l-Kodiċi Kriminali ma fih ebda disposizzjonijiet ta' natura ġenerali simili għall-artikoli 728 sa 732 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Dak li l-Kodiċi Kriminali jagħmel hu li jirregola ċerti eċċezzjonijiet b'mod speċifiku - ara, per eżempju l-artikoli 368, 372(4), 390(5), 438, 449 ta' l-imsemmi Kodiċi. Fi kwalunkwe każ, peress li hi ġurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti (qabilha tal-Qorti Kriminali meta kienet tisma' appelli mid-deċiżjonijiet tal-Qrati Inferjuri) li n-nuqqas ta' xi wieħed mir-rekwiżiti msemmija fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 419 hi sollevabbli *ex officio* mill-Qorti, essendo dik id-disposizzjoni u dawk ir-rekwiżiti ta' ordni pubbliku (ara, fost il-ħafna sentenzi f'dan is-sens, **La Polizia *vs* Ernesto Laiviera**, 18/10/30, Vol. XXVII.IV.829; **La Polizia *vs* Carmelo Carabott *ed.***, 8/11/33, Vol. XXVIII.IV.205; **Il-Pulizija *vs* Francis Saviour Zammit Cutajar**, App. Krim., 32/1/71; **Il-Pulizija *vs* Carmelo Farrugia u Joseph Mifsud**, App. Krim, 11/11/76; **Il-Pulizija *vs* Carmelo *sive* Lino Scicluna**, App. Krim., 1/9/77), isegwi li tali eċċezzjoni tista' titqajjem anke mill-partijiet f'kull stadju tal-proċeduri (jingħad mill-partijiet għax tali eċċezzjoni tista' tiġi wkoll issollevata mill-appellat misjub ħati meta si tratta ta' appell ta' l-Avukat Ġenerali jew tal-kwerelant). Għalhekk qed jiġi deċiż li l-Avukat Ġenerali seta' jqajjem l-eċċezzjoni tan-nullita` tar-rikors meta fil-fatt qajjimha;

Dwar it-tieni punt u ċjoe` jekk l-eċċezzjoni ssollevata għandhiex tiġi akkolta o meno, din il-Qorti eżaminat diversi sentenzi in materja ta' nullita` ta' rikors ta' appell kemm minħabba karenza ta' talba għat-tħassir jew għat-tibdil tas-sentenza kif ukoll minħabba karenza ta' xi wieħed mir-rekwiżiti l-oħra msemmija fl-artikolu 419(1) tal-Kap. 9. Ħafna minn dawn is-sentenzi huma miġbura fis-sentenza ta' din il-Qorti (diversament ippresjeduta) tas-26 ta' April, 1985 fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs* Victor Anthony Camilleri u Paul Spiteri**. Minn dan l-eżami din il-Qorti tiġbed is-segwenti konklużjonijiet:

Bħala regola ġenerali, id-disposizzjoni in eżami, ċjoe` li r-rikors għandu jkun fih it-talba għat-tħassir jew għat-tibdil tas-sentenza ġiet *very strictly and rigidly interpreted* (**The Police *vs* John Hill**, Criminal Appeal, 23/9/72);

Għalkemm il-liġi titkellem dwar talba għat-tħassir jew għat-tibdil, fil-prassi ta' din il-Qorti dejjem ġie aċċettat, fil-każijiet li hekk jippermettu, li jkun hemm kemm talba għat-tħassir kif ukoll talba għat-tibdil, purche` li din it-tieni talba tkun subordinata għall-ewwel waħda. Infatti, anke jekk jintalab biss it-tħassir, din il-Qorti tista' flok tħassar għal kollox is-sentenza u konsegwentement tillibera lill-appellant jew issib ħati lill-appellat - skond min ikun appella - tilqa' l-appell in parti u tbiddel is-sentenza, per eżempju limitatament għall-piena inflitta fuq l-appellant. Mill-banda l-oħra, jekk is-sentenza appellata tkun in parti sabet ħati lill-appellant u in parti lliberatu minn xi akkużi jew imputazzjonijet, ġie dejjem ritenut li jekk flok talba għat-tibdil issir talba għat-tħassir, ir-rikors ikun null (**Il-Pulizija *vs* Anthony Zammit**, 1/10/60, Vol. XLIV.IV.940; **Il-Pulzijia *vs* Richard Vincenti Kind**, App. Krim., 16/9/72; **Il-Pulizija *vs* Carmelo Agius**, App. Krim., 14/10/72);

Ir-*raison d'etre* tal-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 419 huwa s-simplifikazzjoni u l-kjarezza. Il-leġislatur evidentement ried li r-rikors għandu jkun redatt b'tali mod li mill-ewwel ipoġġi kemm lill-Qorti kif ukoll lill-intimat fil-posizzjoni li jkunu jafu eżatt x'inhuma l-fatti kollha essenzjali, minn x'hiex qed jilmenta l-appellant u x'inhu jitlob. Hekk, per eżempju, a rigward tar-rekwiżit tal-fatti fil-qosor, ġie ritenut li dawn iridu jirriżultaw b'mod ċar u li ma jkunx sodisfatt il-vot tal-liġi jekk dawn ikunu sparpaljati 'l hawn u 'l hinn b'mod li wieħed irid joqgħod jistad għalihom biex forsi jindividwahom (**Il-Pulizija *vs* Emmanuel Bonnici**, App. Krim., 5/10/90). Hekk ukoll, meta r-raġunijiet ta' l-appell ikunu inkomprensibbli, ġie ritenut li r-rikors huwa null (**Il-Pulizija *vs* Joseph Desira** u **Il-Pulziija *vs* Crucifix Buttigieg**, Appelli Kriminali, 18/3/72; **Il-Pulziija *vs* John Vella Chretien**, App. Krim., 6/5/72). Għalkemm ċerti sentenzi donnhom jagħtu wieħed x'jifhem li l-Qorti kienet qed tesiġi l-użu tal-kliem preċiżi użati fil-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 419 (ara, fost dawn is-sentenzi. **The Police *vs* John Hill, Il-Pulizija *vs* Carmelo Farrugia u Joseph Mifusd, Il-Pulizija *vs* Carmelo *sive* Lino Scicluna** u **Il-Pulizija *vs* Victor Anthony Camilleri u Paul Spiteri**, kollha ġa' ċitati) din il-Qorti hi tal-fehma li l-aktar esposizzjoni ċara ta' x'inhu effettivament rikjest mil-liġi sabiex jiġi sodisfatt il-vot rigwardanti t-talba għat-taħsir jew għat-tibdil tas-sentenza appellata ġiet enunċjata fis-sentenza **Henriette Mifsud Bonnici *vs* Maurice Mifsud Bonnici** (20/7/51, Vol. XXXV.IV.747). Dan kien appell tal-kwerelanti interpost minn sentenza li kienet illiberat lill-kwerelat. Ir-raġunijiet ta' l-appell kienu li s-sentenza kienet nulla għax ma kienx fiha r-rekwiżiti kollha li tirrikjedi l-liġi fl-artikolu 382 (allura l-artikolu 394) tal-Kodiċi Kriminali u li l-ewwel Qorti kienet applikat il-liġi ħażin. It-talba tal-kwerelanti kienet li s-sentenza tiġi ddikjarata nulla u mingħajr

effett u li l-Qorti tgħaddi biex tikkundanna lill-kwerelat fuq l-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Fis-sentenza tagħha il-Qorti Kriminali, sedenti l-Imħallef T. Gouder, spjegat li mhux neċessarju li jiġu użati eżattament il-kliem "tħassir" jew "tibdil" fit-talba tar-rikors u hu suffiċjenti jekk jiġu użati kliem bħal "tirrevoka" jew "tannulla" li jfissru l-istess bħal "tħassar" jew "taħsir". Infattti fil-prassi ta' din il-Qorti il-kliem "tħassar", "tirrevoka" u "tannulla" huma użati b'mod indiskriminat proprju għax ifissru bażikament l-istess ħaġa. Hekk ukoll il-kliem "tvarja", "tbiddel" u "tirriforma". L-Imħallef Gouder, fl-imsemmija sentenza, kompla hekk:

"Ċertament il-leġislatur ma riedx jikkolpixxi bin-nullita` r-rikors ta' l-appell sempliċement għaliex ma tkunx ġiet użata l-kelma li huwa uża, meta tkun ġiet użata kelma oħra li turi biżżejjed tajjeb, daqs kemm turi l-kelma tiegħu, x'irid l-appellant. Il-leġislatur irid li r-rikors ta' l-appell ikollu l-elementi kollha fuq indikati sabiex jiġu evitati kemm jista' jkun appelli frivoli u sabiex il-Qorti jkollha quddiemha mill-ewwel l-informazzjonijiet neċessarji sabiex tkun tista' tirregola d-diskussjoni u tillimita d-dibattitu għal dak li hu rilevanti għall-punt in kwistjoni; u għalhekk, meta r-rikors ta' l-appell ikollu - kif għandu dak tal-kwerelanti - il-fatti, ir-raġunijiet ta' l-appell u t-talba fformulata b'mod, jiġifieri bi kliem, biżżejjed ċari biex juru lill-Qorti x'qiegħed l-appellant jitlob in rigward tas-sentenza tal-Qorti Inferjuri, jiġifieri jekk iridhiex imħassra jew mibdula, il-vot tal-liġi għandu jiġi ritenut sodisfatt" (p. 749);

Fil-każ in diżamina, għalhekk, din il-Qorti trid tara jekk it-talba ta' l-appellant Galea hix redatta b'mod u bi kliem ċari biżżejjed li, mingħajr ħafna tiġbid ta' l-immaġinazzjoni jew kontorsjonijiet intelletwali oħra, l-Qorti tkun tista' tasal għall-konklużjoni li l-appellant qed jitlob jew li l-ewwel sentenza tiġi mħassra jew li tiġi

mibdula;

Għalkemm mad-daqqa t'għajn it-talba tidher waħda ingarbuljata u mtaqqla b'ħafna kliem żejda - stil ta' talba li hu perikoluż u li l-Qorti ċertament ma tinkoraġġix - jekk wieħed jissottolinea l-partijiet saljenti tat-talba, kif għamlet din il-Qorti hawn aktar 'l fuq f'din is-sentenza, jidher ċar li dak li qed jitlob l-appellant hu t-taħsir tas-sentenza u subordinatament, it-tibdil tagħha kwantu għall-piena. Għalhekk din il-Qorti ser tirrespinġi l-eċċezzjoni tan-nullita` ssollevata mill-Avukat Ġenerali;

Tibqa' biex tiġi kkunsidrata t-talba ta' l-appellant biex jixhed. Kwistjoni simili għal dik in diżamina kienet ġiet deċiża minn din il-Qorti fis-sentenza preliminari tagħha ta' l-10 ta' Ġunju, 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs* Joseph Falzon**. Għalhekk din il-Qorti ma jidhrilix li għandha tiddilunga aktar dwar din il-kwistjoni, u għalhekk ser tilqa' t-talba ta' l-appellant u tawtorizzah li, jekk irid, jixhed f'din l-istanza;

Il-Qorti tordna l-prosegwiment tal-kawża.